MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru. 423/2007

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Attard ta' 30 sena, iben il-mejjet Victor u Lorraine nee` Franklin, imwieled Pieta` fl-14 ta' Awwissu 1975, prezentement gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 457275(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Gunju 2006, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti ikun li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2010, waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb u wiegeb ukoll illi mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fl-istess seduta, l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u anke in vista tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' din l-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess jum tat-12 ta' Gunju 2012, bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr awtorita` legittima, huwa dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, medicina perikoluza ossia d-droga eroina u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi nhar it-12 ta' Gunju 2006, CO 109 Conrad Saliba u CO 165 Dennis Thornton sabu lill-imputat gewwa x-*showers* ta' Divizjoni 6, waqt li dan kien qed jahraq bicca *foil*. Fix-xhieda tieghu fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2010[1], **CO 109 Conrad Saliba** qal illi fl-imsemmi jum, huwa nizel fix-*showers* ta' din id-divizjoni flimkien ma' CO 165 u hemmhekk sabu lill-imputat qed jahraq bicca *foil*. Din ittehditlu minn idejh u giet mghoddija lis-Surgent li kien fuqhom. Mistoqsi jekk prigunieri gewwa Divizjoni 6 ghandhomx access ghall-barra, huwa wiegeb fin-negattiv u qal illi l-access isir bil-gwardjan u lanqas ma jista' prigunier f'din id-divizjoni johrog jahdem barra. Da parti tieghu, fl-istess seduta, **CO 165 Dennis Thornton** xehed[2] illi fit-12 ta' Gunju 2006, hu u CO 109 kienu ghamlu spezzjoni gewwa Divizjoni 6 gewwa x-*showers* u l-imputat kien qed jahraq xi haga fuq il-*foil*. CO 109 mar fuqu u hatafhielu minn idejh. Mistoqsi jekk l-imputat setax johrog minn Divizjoni 6, ix-xhud wiegeb illi jista' johrog ghall-vizti gewwa sala li fiha jsiru l-vizti ghall-prigunieri gewwa Divizjonijiet 5 u 6, liema sala tinsab gewwa l-habs. Jistghu jmorru wkoll gewwa l-MI *room*, liema kamra tinsab hdejn il-*main gate*. Hemmhekk il-prigunieri jinzlu skortati.

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2010, xehdet **l-Ispettur Nadia Lanzon**[3], li esebiet l-istqarrija tal-imputat. Mill-istess stqarrija[4] li giet rilaxxjata mill-imputat fit-13 ta' Gunju 2006, jirrizulta illi fiz-zmien tal-istqarrija, l-imputat kien ilu detenut fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin erbatax-il xahar, li huwa kellu l-vizzju tal-eroina u dan minn meta kellu xi hmistax-il sena, li kien detenut fid-Divizjoni 6, cella

[1] A fol. 19 u 20 tal-process.
[2] A fol. 25 sa 27 tal-process.
[3] A fol. 21 u 22 tal-process.
[4] A fol. 23 u 24 tal-process.

numru 16, li fil-jum ta’ qabel huwa kien qed jahraq l-eroina fuq *foil* fix-*shower* tal-istess divizjoni meta marru fuqu l-ufficjali tal-habs u li huwa kien sab din id-droga waqt li kien ghaddej minn hdejn il-Moskea tal-habs. Qal illi huwa ra pakkett mal-art u gabru, ma kienx jaf x’fih, izda kien jidher li kien pakkett tad-droga u meta fethu, huwa kkonferma dan.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi, illi kien l-imputat li dahhal jew ipprova jdahhal fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin is-sustanza eroina li nstab jabbuza minnha fit-12 ta’ Gunju 2006. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal illi din sabha mal-art meta kien ghaddej minn hdejn il-Moskea tal-habs u gabarha. Issa apparti illi l-Qorti ghandha d-dubji taghha dwar din il-verzjoni ta’ kif l-imputat gie fil-pussess tad-droga eroina, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument biss, il-Qorti kellha temmen din il-verzjoni, b’dan il-Qorti qed tifhem illi l-imputat sab l-istess droga waqt li diga` kien gewwa l-habs. Fi kwalunkwe kaz mix-xhieda tal-ufficjali tal-habs, jidher illi l-imputat ma kellux lanqas il-liberta` li jdur gewwa l-habs – u din hija raguni ohra ghaliex il-Qorti tiddubita l-verzjoni moghtija mill-imputat dwar kif gie fil-pussess tal-eroina - ghaliex apparti illi l-vizti kienu jsiru gewwa sala intiza biss ghall-prigunieri fid-Divizjoni 5 u 6, mill-bqija jidher illi anke biex il-prigunier f’Divizjoni 6 jaccedi ghal MI *room*, ukoll gewwa l-habs, huwa kien jigi skortat minn ufficjal tal-habs. Prigunier fid-Divizjoni 6 lanqas ma’ seta’ jahdem barra mill-habs.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement u lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, it-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**<u>Konsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, ghandha tizdied bi grad jew tnejn, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern, liema fedina penali hija wahda pjuttost refrattarja u tikkonsisti f'sittax-il faccata. Qieset ukoll mill-banda l-ohra illi minkejja li l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel imputazzjoni ma kinitx wahda bikrija, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, tant illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa mill-ewwel ammetta li kien ikkommetta r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 u l-Artikoli 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah ghall-**piena ta' prigunerija effettiva ta' hames (5) xhur**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez** li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-kors tal-inkjesta, ossia s-somma ta' tlett mija, tnejn u tletin Euro u disgha u hamsin centezmu (Eur 332.59) ekwivalenti ghas-somma ta' mija, tnejn u erbghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (Lm142.78), rapprezentanti d-drittijiet tal-espert forensiku x-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' mija u

tnejn u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmu (Eur 132.75), ekwivalenti ghas-somma ta’ sitta u hamsin Lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm56.99), rapprezentanti d-drittijiet tal-Perit Richard Aquilina, liema spejjez **jammontaw ghal total ta’ erba’ mija, hamsa u sittin Euro u erbgha u tletin centezmu (Eur 465.34)**. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz ossia fil-process verbal bin-numru 65/10 redatt mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli u maghluq fit-18 ta’ Jannar 2010 (esebit Dok. 418-06-01) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------